IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2013
COM(2013) 738 final

2013/0354 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha relevanti tal-UE fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri tal-EFTA taż-ŻEE jilqgħu r-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-Bijoċidi. L-Istati Membri tal-EFTA taż-ŻEE jixtiequ li jkunu assoċjati mill-iktar qrib possibbli mal-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi f'dan ir-rigward u l-Istati Membri tal-EFTA taż-ŻEE mhux biss se jikkonformaw mar-Regolament, iżda jixtiequ wkoll jikkontribwixxu attivament għax-xogħol previst fir-Regolament 528/2012. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) sar b'dan il-ħsieb.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza ċerti karatteristiċi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fil-Liechtenstein se jseħħ aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ fl-Istati l-oħra tal-EFTA.

Il-Liechtenstein għandu ftehim mal-Isvizzera dwar il-prodotti bijoċidali. Abbażi ta' dan il-Ftehim, l-Isvizzera tipproċessa l-applikazzjonijiet tal-Liechtenstein u l-Liechtenstein jawtorizza (jew jipprojbixxi) il-prodott bijoċidali inkwistjoni.

Fil-futur qrib, l-Isvizzera se tallinja il-leġiżlazzjoni tagħha f'dan il-qasam mal-iżviluppi l-ġodda fl-UE (ir-Regolament 528/2012) u fid-dawl ta' dan, il-Ftehim bejn il-Liechtenstein u l-Isvizzera li jistabbilixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-prodotti bijoċidali se jiġi aġġornat.

Din is-soluzzjoni tiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll dik tal-annimali u tal-ambjent, filwaqt li tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, imsemmi espliċitament bħala wieħed mill-għanijiet tar-Regolament.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li s-soluzzjoni suġġerita ma tipprojbixxix it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali u ma tikser l-ebda libertà garantita mill-Ftehim ŻEE, b'mod partikolari mhux il-moviment liberu tal-merkanzija. Dan ukoll ma jirriżultax f'distorsjoni tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE.

Barra minn hekk, in-naħa tal-EFTA tipproponi adattazzjonijiet b'mod partikolari b'rabta mal-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-ħidma tal-grupp ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 35 tar-Regolament 528/2012 u l-proċess tal-għoti ta' awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni u d-deċiżjonijiet korrispondenti fl-Istati tal-EFTA.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.

Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-pożizzjoni korrispondenti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

2013/0354 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[2] ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness II tiegħu.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 iħassar, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013, id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għalhekk, bħala konsegwenza, għandha titħassar taħt il-Ftehim ŻEE b'effett mill-1 ta' Settembru 2013.

(6) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

---

1 ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
2 ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
3 ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE gtkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
Nru

ta'

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali[4] għandu jiddaħħal fil-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 iħassar, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013, id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għalhekk, bħala konsegwenza, għandha titħassar taħt il-Ftehim ŻEE b'effett mill-1 ta' Settembru 2013.

(3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II jiġi ssostitwit b'dan li ġej b'effett mill-1 ta' Settembru 2013:

'**32012 R 0528**: Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fix-xogħol tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Aġenzija', kif stabbilita mill-Parlament Ewropew u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1907/2006.

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għall-Ftehim, il-kliem 'Stat(i) Membru/i' fir-Regolament jinftiehmu, b'żieda mat-tifsira tagħhom fir-Regolament, bħala l-Istati tal-EFTA.

(c) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, skont kif u meta xieraq, l-Aġenzija tassisti lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew lill-Kumitat Permanenti, skont il-każ, fil-qadi tal-kompiti rispettivi tagħhom.

(d) Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 35:

[4] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
[5] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

"4. L-Istati tal-EFTA jkunu intitolati li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-grupp ta' koordinazzjoni u fi ħdanu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief id-dritt għall-vot. Ir-regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' koordinazzjoni jagħtu effett sħiħ lill-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA."

(e) Is-subparagrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 44(5):

"Meta l-Kummissjoni tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni jew tiddeċiedi li awtorizzazzjoni tal-Unjoni ma tkunx ingħatat, l-Istati tal-EFTA fl-istess ħin u fi żmien 30 jum mill-att tal-Kummissjoni jieħdu deċiżjonijiet korrispondenti. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jiġi infurmat u jippubblika, minn żmien għal żmien , il-listi ta' tali deċiżjonijiet fis-Suppliment taż-ŻEE fil-Ġurnal Uffiċjali."

(f) Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 48:

"4. Jekk il-Kummissjoni tikkanċella jew temenda awtorizzazzjoni tal-Unjoni, l-Istati tal-EFTA jikkanċellaw jew jemendaw id-deċiżjoni korrispondenti."

(g) Is-subparagrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 49:

"Jekk il-Kummissjoni tikkanċella awtorizzazzjoni tal-Unjoni, l-Istati tal-EFTA jikkanċellaw id-deċiżjoni korrispondenti."

(h) Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 50:

"4. Jekk il-Kummissjoni temenda awtorizzazzjoni tal-Unjoni, l-Istati tal-EFTA jemendaw id-deċiżjoni korrispondenti."

(i) Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 75:

"5. L-Istati tal-EFTA ikunu intitolati li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali u fi ħdanu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief id-dritt għall-vot."

(j) Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 78:

"3. L-Istati tal-EFTA, sa mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, jipparteċipaw fl-iffinanzjar tal-Aġenzija. Għal dan il-għan, il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim japplikaw *mutatis mutandis*."

(k) Jekk ikun hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti fuq l-amministrazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Parti VII tal-Ftehim tapplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi , sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jkunu saru[6].

Għal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-istess jum jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Liechtenstein u l-Isvizzera li jistabbilixxi l-kooperazzjoni fil-qasam ta'

[6] [M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, skont liema tkun l-iktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE